# KUNSILL LOKALI LIJA

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941


## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NR 12 – L-ERBGHA 19 TA' MEJJU 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu f'Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-4.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr. Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr. Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti inqraw u wara li kienu approvati gew ffirmati mis-Sindku u S-Segretarju Eżekuttiv.. Proposti mis-Sur Jeremy Dalli, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa gew approvati fuq proposta tas-Sinjura Magda Magda Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia

### 2. ATTIVITA SPORTIVA

2.1 Fuq proposta ta' Dr. Mark Sant, sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, il-Kunsill unanimament approva biex flimkien ma' Lija Athlethics Football Club tinzamm gurnata ta' attivitajiet sportivi f'Hal-Lija.

2.2 Il-hsieb wara din l-attivita huwa biex inhajjru r-residenti ta' din il-lokalita jiehdu aktar parti attiva fil-hajja permezz ta' l-isports.

2.3 Programm dettaljat ghandu jitqassam lir-residenti biex ikunu infurmati b'din l-attivita inkluz l-applikazzjoni ghal dawk li huma interressati li jiehdu parti attiva.

**2.4** Il-Kunsilliera approvaw li jinhargu l-ispejjes mehtiega flimkien mal-fondi li diga hemm allokati skond Skema Attivitajiet Sportivi mahruga mis-Segretarjat Parlamentari ghaz-Zghazagh u Sports.

## 3. ATTIVITIJIET KULTURALI

3.1 Il-Kunsilliera, is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet dwar l-attivita kulturali li ghandha tinzamm ghall l-ahhar ta' Awissu u li ghandha bhala suggett 'Tradizzjonijiet f'Hal Lija'. Hija kompliet taghti aktar aggornament u dettalji ta' kif ser tinzamm din l-attivita.

3.2 Is-Sindku apprezza l-idea tas-Sinjorina Lorraine Farrugia u issuggerixxa li din ghandha tkompli bil-hidma taghha biex tigbor aktar dettalji dwar din l-attivita halli l-Kunsill ikun f'pozizzjoni biex jghin fejn ikun hemm mehtieg.

## 4. HARGA KULTURALI - Ghawdex

4.1 Il-Kunsill ikkonferma d-dettalji tal-harga kulturali li ghandha tinzamm nhar il-Gimgha 4 ta' Gunju 2010.

4.2 Cirkulari bid-dettalji tal-programm ghandha titqassam lir-residenti.

## 5. PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – TOROQ

5.1 Is-Sindku, Dr. Ian Castdali Paris, tkellem dwar il-konferma minghand id-Direttur tal-Kunsilli Lokali dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill biex jibbenifika min ghajnuna ta' fondi skond il-P.P.P. fuq toroq.

5.2 Huwa qal li l-Kunsill issa jista' jwettaq il-programm biex isir re-surfacing tat-toroq fil-Lokalita ta' Hal Lija – Transfiguration Avenue, Triq Robert Mifsud Bonnici u Triq Annibale Preca.

5.3 Il-Kunsillera unanimament approvaw biex jinbeda l-process mehtieg halli jsiru dawn ix-xogholijiet taht id-direzzjoni tal-Contract Manager tal-Kunsill, il-Perit John Rizzo Naudi. Il-process ta' preparazzjoni tad-dokumenti tat-tender kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' l-istess tender ghandu jinbeda malajr kemm jista' jkun.

## 6. SKEMA TA' FINANZJAMENT TA' PROGETTI SPECJALI F'LOKALITAJIET ZGHAR

6.1 Is-Segretarju Ezekkuttiv, is-Sur Alfred Buhgiar, informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni mill-fondi msemijja hawn fuq biex isir embelishment project fi Transfiguration Avenue gew approvati.

6.2 Dan iffisser li l-Kunsill se jinghata hamsin fil-mija tan-nefqa biex isir dan il-progett.

6.3 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, kien qed jigi mistieden biex jattendi ghal l-attivita li ser tvara l-beneficjari ta' din l-iskema nhar il-Gimgha 4 ta' Gunju bejn 14.00 u 15.00 fil-ground tal-football f'Hal-Ghaxaq.

## 7. AGGORNAMENT TAL-LAQGHA

7.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.00p.m.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinżamm nhar l-Erbgha 23 ta' Gunju 2010 fis-2.00p.m..

| | |
|---|---|
| Dr. Ian Castaldi Paris | Sur Alfred Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |